MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## REFALO JOSEPH S.

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1933/2001/1

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Thunderstorm Group**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Dicembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' sittin lira Maltija u tmienja u tletin centezmu (Lm60.38), u fejn intqal:**
**Illi s-socjeta` Maltacom plc ipprovdiet lis-socjeta` konvenuta diversi servizzi ta' approvazzjoni ta' tip dwar it-taghmir tat-telekomunikazzjonijiet bejn it-3 ta' Settembru, 1998 u t-30 t'April, 2001;**
**Illi s-socjeta` konvenuta naqset li thallas is-somma ta' sittin lira Maltija u tmienja u tletin centezmu (Lm60.38) minnha dovuta tas-servizzi fuq imsemmija, skond il-Ligi (Avviz legali 219 u 220 ta' l-1998), u dan**

**nonostante li giet interpellata taghmel dan permezz ta' ittra ufficjali;**
**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 19 ta' Dicembru, 2001 u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-24 ta' Jannar, 2002 fejn intqal li:**
**i. qed jigi eccepit fl-ewwel lok illi l-attur ma ghandu ebda relazzjoni guridika mal-konvenut u kwindi t-talbiet tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu;**
**ii. Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti l-attur ma esegwiex il-funzjonijiet li taghhom jista jintalab hlas skond il-ligi;**
**iii. Illi bla pregudizzju ghal premess il-ligi tipprovdi ghal pagament ghal servizz ta' Type approval biss. Kwindi ma jaghmilx sens legali apparti li huwa inekwu li jigi mitlub hlas kull darba li ssir importazzjoni ta' oggett li tieghu ikun diga' sar l-hekk imsejjah type approval.**

**Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**Jibda biex jinghad illi din il-kawza giet differita kemm il-darba sabiex is-socjeta` attrici tirregola ruhha, in kwantu l-konvenut kif ingunt ma ghandu ebda personalita` guridika, u konsegwentement ma setghax jitharrek kif gie imharrek. Is-socjeta` attrici baqghet ma rregolatx ruhha fir-rigward.**

**Ghaldaqstant peress illi l-kawza kif proposta hija insostenibbli kontra l-konvenut imsemmi, it-Tribunal qed jichad it-talba bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.**

**Avv Joseph Refalo**

**Gudikatur**